MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 106/1994/1

Maria Scicluna,
Josephine Muscat,
Saviour,
Anne Marie,
Antonio, u
Maria Rita ahwa Scicluna .

vs

Francesco Scicluna, u b'degriet tat-30 ta' Mejju, 2002, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Francesca armla Scicluna, Rose Marie Cauchi, u Raymond Azzopardi minflok Francesco Scicluna li miet fil-mori tal-kawza .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi Giuseppi Scicluna, hu r-ragel tal-attrici Maria Scicluna, u hu l-konvenut, miet guvni fid-29 ta' Jannar, 1992 b'testment tas-27 ta' Jannar, 1989 pubblikat minn Nutar Paul Pisani ;

Illi bl-imsemmi testment Giuseppe Scicluna wara li halla b'titolu ta' prelegat lill-atturi d-dar numru 57, Triq San Pawl, Munxar, b'mandretta annessa mill-punent ta' cirka 437.5 metri kwadri, nnomina eredi universali tieghu kwantu ghal nofs indiviz lill-atturi u kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor lill-konvenut :

Illi l-atturi ma jridux jibqghu jippossjedu in komun mal-konvenut l-proprjeta' li wirtu mis-succjessjoni tal-imsemmi Giuseppe Scicluna u ghalhekk kellhom jaghmlu din il-kawza .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-assi ereditarju tal-imsemmi Giuseppi Scicluna billi tiddikjarah jikkonsisti f'dawk il-beni li jirrzultaw fil-kors tal-kawza .

2. Tordna l-immissjoni tal-atturi fil-legat lilhom mholli mill-istess testatur tal-fond numru 57, Triq San Pawl, Munxar bil-mandra annessa ;

3. Wara din l-immissjoni taqsam l-beni li jkun fadal fl-assi ereditarju ta' Giuseppe Scicluna f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja porzjon lill-atturi indivizament bejniethom u porzjon lill-konvenut .

4. Tinnomina Nutar ghal pubblikazzjoni tal-att opportun ta' divizjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta' divizjoni .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Mejju, 1992 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Maria Scicluna .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi qabel xejn jinhtieg illi l-attrici Maria Scicluna tindika l-interessi taghha .

2. Illi t-talba attrici hija intempestiva billi l-esponenti ghadha ma accettatx l-eredita' ta' Giusepp Scicluna .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut minnu mahlufa .

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Novembru 1994 fejn innominat lill-avukat Dottor Alfred Grech bhala perit legali u lill-A.I.C. Guido Vella bhala perit tekniku sabiex jiehdu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut .
Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fit-23 ta' Frar 2000 u mahlufa fid-29 ta' Marzu 2000 .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha, l-affidavits u dokumenti esebiti .

Rat il-verbal taghha ta' l-20 ta' Frar 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ghad-divizjoni ta' l-assi tal-mejjet Giuseppi Scicluna . Preliminarjament fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut jghid illi jenhtieg illi l-attrici Maria Scicluna tindika l-interess taghha f'din il-kawza . Imma dan l-interess jidher ovvju mill-istess testment tad-decujus . Jirrizulta illi bis-sahha tat-tieni artikolu tat-testment tieghu in atti Nutar Dottor Paul George Pisani tas-27 ta' Jannar 1989, dan halla b'titolu ta' legat il-fond fl-indirizz 57, Triq San Pawl, il-Munxar, lill-atturi . Bit-tielet artikolu ta' l-istess testment, halla l-kumplament tal-beni tieghu lill-eredi tieghu, u cioe' kwantu ghan-nofs (1/2)

indiviz lil huh Francesco Scicluna, li miet fil-mori tal-kawza u llum jinsab rapprezentat minn martu u uliedu, u n-nofs indiviz (1/2) l-iehor lill-attrici Maria Scicluna, armla ta' huh Carmelo u lil uliedha l-atturi l-ohra, bejniethom[1] .

Apparti d-dar imhollija b'legat, kif fuq inghad, li taghha l-atturi jitolbu l-immissjoni fil-pussess, irrizulta illi l-kumplament ta' l-assi tad-decujus kienu jikkonsistu f'hames bicciet raba u cioe' tnejn maghrufa bhala "tat-Taqsis" jew "ta' Luvier", ohra maghrufa "tal-Latnija", ohra "tax-Xifer" u ohra "tas-Sidra", kollha limiti tal-Munxar, Ghawdex[2] . Ma jidher illi kien hemm ebda beni mobbli, flus kontanti jew depoziti bankarji ghall-qasma . Fir-relazzjoni tieghu l-istess perit tekniku jipprepara pjan ta' qasma dwar kif tista' ssir id-divizjoni tal-bicciet raba msemmija bejn il-kontendenti . Huwa rnexxielu jaqsam kull ghalqa f'zewg porzjonijiet, kemm jista' jkun ugwali, u ta' l-istess valur, b'tali mod li ma jkunx hemm htiega ta' ekwiparazzjoni . Infatti jikkonkludi r-rapport tieghu bil-mod segwenti :

"…. *l-ghaxar (10) porzjonijiet imsemmija fuq ghandhom jigu assenjati lill-partijiet b'mod illi kull parti tiehu porzjon wiehed minn kull fond originali, sabiex hekk kull parti fl-ahharnett tkun hadet daqs il-parti l-ohra, u ma jkunx hemm bzonn ta' ekwiparazzjoni*." [3]

Hadd mill-kontendenti ma kkritika dan ir-rapport u l-Qorti lanqas ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex toqghod fuq dan il-pjan ta' qasma . Ghalhekk id-divizjoni mitluba tista' ssehh billi tittella x-xorti bejn il-kontendenti biex kull naha tiehu *plot* minn kull wahda minn dawn l-ghelieqi u minhabba l-valur ugwali, hadd ma jkollu ghalfejn ihallas xejn bhala ekwiparazzjoni .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, u

---

[1] Ara testment tad-decujus esebit bhala Dok. B a fol. 7 tal-process .
[2] ara rapport peritali a fol. 32 - 37 u site plans u pjanti relattivi esebiti bhala dokti. GV 1 sa GV 10 a fol 38 – 47 .
[3] ara rapport peritali a fol. 37 .

1. tillikwida l-assi ereditarji tal-mejjet Giuseppe Scicluna billi tiddikjara li jikkonsistu fil-fond bin-numru seba' u hamsin (57) Triq San Pawl, Munxar, Ghawdex, konsistenti f'hames bicciet raba u cioe' tnejn maghrufa bhala "tat-Taqsis" jew "ta' Luvier", ohra "tal-Latnija", ohra "tax-Xifer" u ohra "tas-Sidra", kollha limiti tal-Munxar, Ghawdex, u kif jinsabu deskritti u stmati mill-perit tekniku fir-rapport tieghu ;

2. tordna l-immissjoni ta' l-atturi fil-pussess tal-legat tal-fond numru seba' u hamsin (57) Triq San Pawl, Munxar, Ghawdex, bil-mandra annessa, lilhom imholli mill-istess Giuseppi Scicluna fit-tieni artikolu tat-testment tieghu tas-27 ta' Jannar 1989 ;

3. tordna d-divizjoni tal-hames bicciet raba fuq imsemmija bejn il-kontendenti billi tittella x-xorti bejniethom sabiex kull naha tiehu *plot* minn kull wahda mill-hames bicciet raba' deskritti u maqsuma mill-perit tekniku fir-rapport tieghu ;

4. ghall-fini tal-kuntratt opportun tinnomina lin-Nutar Dottor Paul George Pisani li ghandu jippubblika l-att nhar is-Sibt 18 ta’ Dicembru, 2004, fil-11.00 a.m. Fl-uffiċċju tieghu, u ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att tinnomina lill-avukat Dottor Joseph Grech .

Billi din hija kawza ghad-divizjoni, l-ispejjez ghandhom jigu ssoportati mill-kontendenti kulhadd skond sehmu .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------